MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Numru. 271/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**GIUSEPPE AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Giuseppe Azzopardi ta' 57 sena, bin Salvatore u Francesca nee' Bugeja, imwieled Lija fis-17 ta' Ottubru, 1955, u li joqghod f'19, Connemara, Triq Pawlu Borg, Attard. Detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija bin-numru 753355M

**Billi hu personalment u/jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat jew ta' ufficjal principali jew ta'**

**rapprezentant tal-kumpanija *Bottega Del Marmista Ltd*, akkuzat talli** fis-snin 2011 u 2012, f'dawn il-Gzejjer,

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' elf mitejn u hamsin Euro (€1250), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' ***Kristian Camenzuli mill-Mosta***, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. YF3 u nnutat li l-imputat Giuseppe Azzopardi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-imputat hallas dak kollu dovut lil Kristian Camenzuli rigward din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artkolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Giuseppe Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-imputat hallas dak kollu dovut lil Kristian Camenzuli rigward din il-kawza, tillibera lill-istess imputat Giuseppe Azzopardi taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Giuseppe Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------